MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 474/2013

**Mario Xuereb u Rose Mary Xuereb**
**nru tal-karti tal-identita' rispettivi: 551162(M) u 643159(M)**

**vs**

**Precious u Noella konjugi Monyee**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ qed tintalab kundanna ghall-hlas ta' elf, hames mija, sebgha u erbghin Ewro sebgha u sebghin centezmi (€1,547.77c) rapprezentanti kontijiet tad-dawl, ilma u kirja ta' meter fil-fond tal-Intimati (Dok A).

B'RISPOSTA qalu hekk:-

1. L-ammont pretiz mhux dovut peress li huma hallsu l-kontijiet tad-dawl u ilma u issa bdew ihallsu direttament permezz ta' card mill-Inditech.
2. Ma nghatax rendikont veritier tal-hlasijiet maghmula mill-Konvenuti u l-ammont pretiza hu eccessiv.

II PROVI

1. L-Attur Mario Xuereb qal li huma krew il-flat 6, Block B, Hampton Court, Triq Paderbom, S. Pawl il-Bahar lill-Konvenuti bejn April 2010 u Settembru 2013. Huma hallsu l-kont imsemmi fl-Avviz fuq insistenza ta’ ARMS Ltd (Dok MX1 sa 18 – b’dan tal-ahhar aktar dettaljat).

2. Rosemary Xuereb, mart l-Attur u attrici wkoll ikkonfermat ix-xhieda ta’ zewgha u hi kienet prezenti waqt li xehed. Hi specifikat li d-Dok MX19 juri kontijiet kollha matul li l-Konvenuti damu fil-flat. Juri l-kont kollu, xi thallas u x’jonqos jithallas.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL ta, ripetutament lill-Konvenuti l-opportunita’ li jressqu l-provi taghhom. B’danakollu dawn baqghu ma ressqu xejn minkejja li kienu mwissija (u dan verbalizzat fl-udjenzi) li in difett il-kawza tibqa ghas-sentenza.

2. Naturalment, dment li m’hemmx xi ammissjoni, l-Atturi dejjem irridu jippruvaw il-kaz taghhom. It-TRIBUNAL hu soddisfatt li dan l-oneru l-Atturi qdewh.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenuti (2) **jaccetta** t-Talba Attrici u **jikkundanna** lill-Konvenuti biex ihallsu lill-Atturi l-*quantum* mitlub ta’ elf, hames mija, sebgha u erbghin Ewro sebgha u sebghin centezmi (€1,547.77c) bl-imghax mis-16 ta’ Settembru 2013 (meta saret in-notifika tal-AVVIZ) sal-jum tal-pagament effettiv u (3) **jikkundanna** lill-Konvenuti biex ihallsu l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------